



Brussell, 5 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12203/21

ECOFIN 892
ENV 686
CLIMA 268
FIN 721

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	5 ta' Ottubru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12094/21	
Suġġett:	Finanzjament għall-klima
	– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima (5 ta' Ottubru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima kif approvati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3814-il laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Ottubru 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL TAL-2021 DWAR IL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JENFASIZZA l-appoġġ qawwi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni urġenti u ambizzjuża tal-Ftehim ta' Pariġi u JIMPENJA RUĦU li jkompli jaċċellera l-isforzi f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, mal-oġġettivi ekoloġiċi ambizzjużi u mal-miri relatati mal-infiq fuq il-klima segwiti permezz tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE, inkluż l-istrumenti ta' politika esterna tiegħu, u n-NextGenerationEU, kif ukoll abbażi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima li tirrikjedi li l-UE tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 mil-livelli tal-1990 u li tkun newtrali għall-klima sal-2050. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet l-oħra biex iżidu l-isforzi tagħhom stess biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. JENFASIZZA s-sinerġiji bejn l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri u l-Ftehim ta' Pariġi.
2. ITENNI l-importanza li jsir progress rapidu u ambizzjuż lejn il-kisba tal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi kif ikkonfermat għal darb' oħra mis-sejbiet fir-rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) ippubblikat f'Awwissu 2021. JENFASIZZA li dan jinkludi li l-flussi finanzjarji - pubbliċi u privati, domestiċi u internazzjonali - isiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi vvalutat il-progress li l-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi għamlu f'dan ir-rigward fil-*Valutazzjoni Biennali* li jmiss mill-Kumitat Permanenti dwar il-Finanzi u fir-*Rendikont Globali* mistenni fl-2023. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jinħatfu l-opportunitajiet offriti mill-infiq għall-irkupru mill-Covid-19 biex l-ekonomiji jitqiegħdu fuq perkors aktar sostenibbli u newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima¹.

¹ Ara r-rapport tal-UNEP ta' Marzu 2021 *Are We Building Back Better? (Qed Nibnu mill-Ġdid Aħjar?) Evidence from 2020 and Pathways for Inclusive Green Recovery Spending (Evidenza mill-2020 u Perkorsi għall-Infiq għal Rkupru Ekoloġiku Inklużiv)* - <https://www.unep.org/news-and-stories/press-release/are-we-track-green-recovery-not-yet>.

3. JENFASIZZA l-ħtieġa li tissaħħaħ b'mod sinifikanti l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u JISSOTTOLINJA r-rwol importanti ta' lieva li l-politika pubblika, inkluż il-finanzi pubbliċi, kif ukoll il-pjanijiet direzzjonali settorjali jista' jkollhom f'dak ir-rigward. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha biex itejbu r-rappurtar trasparenti dwar il-finanzjament privat mobilizzat għall-azzjoni dwar il-klima. JISTIEDEN lis-settur privat isaħħaħ b'mod sinifikanti l-isforzi biex jgħin fil-kisba ta' futur newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jieħdu passi ambizzjużi biex jallinjaw il-flussi finanzjarji mal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE tal-2018 dwar il-Finanzjament tat-Tkabir Sostenibbli u l-Istrateġija ta' segwitu għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli². F'dan il-kuntest, JILQA' l-progress li sar dwar tassonomija tal-UE għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà għall-emittenti u għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, dwar l-istandard Ewropew għall-bonds ekoloġiċi, u dwar ir-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà. JENFASIZZA li l-UE ser tappoġġa globalment il-konverġenza ta' approċċi u għodod finanzjarji sostenibbli u ser tippromwovi l-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà mal-istandards u t-tassonomija żviluppati mill-UE. JENFASIZZA l-importanza tat-trasparenza u l-mitigazzjoni tar-riskji relatati mal-klima fis-sistema finanzjarja u JILQA' l-proposti rilevanti mressqa fl-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli u l-ħidma tal-G20 u tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja dwar il-finanzi sostenibbli. IĦEĠĠEĠ lis-sħab jingħaqdu mal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli.

² Kif adottata mill-Kummissjoni Ewropea fis-6 ta' Lulju 2021 ([Strateġija għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli | Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)).

4. JENFASIZZA li l-ipprezzar tal-karbonju u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent huma komponenti ewlenin ta' ambjent favorevoli biex il-flussi finanzjarji jiġu trasferiti lejn investimenti newtrali għall-klima u sostenibbli kif ukoll biex tiġi appoġġata tranżizzjoni ġusta, u JIMPENJA RUĦU li jappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom stess. JILQA' l-impenn espliċitu tas-Summit tal-G7 ta' Ġunju biex jintemm l-appoġġ dirett għid mill-gvern għall-ġenerazzjoni internazzjonali mhux imnaqqs ta-enerġija termali mill-faħam sa tmiem l-2021, inkluż permezz tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA), tal-finanzjament tal-esportazzjoni, tal-investiment, u tal-appoġġ għall-promozzjoni finanzjarja u kummerċjali³ u jistieden lill-membri tal-OECD biex isegwu billi jieħdu deċiżjonijiet rilevanti dwar ir-rappurtar tal-ODA u dwar il-Fehim tas-Settur tal-Ġenerazzjoni tal-Elettriku bil-Faħam tal-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati.
5. JENFASIZZA r-rwol tal-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika fl-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima fit-tfassil tal-politika makrofiskali u l-proċessi baġitarji, fil-promozzjoni tal-użu ta' strumenti tal-ipprezzar tal-karbonju u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat għall-klima, sabiex tingħata prijetà lit-tkabbir newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. JENFASIZZA l-benefiċċji tal-mobilizzazzjoni u l-allinjament tal-finanzjament meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar il-klima; tal-iżvilupp tal-aħjar prattiki bħall-evalwazzjoni tal-effetti fuq il-klima tal-finanzi pubbliċi u tal-istrateġiji għall-investiment u l-akkwist ekoloġiċi; u tal-kunsiderazzjoni tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet klimatiċi fl-ippjanar ekonomiku tal-membri, f'konformità mal-Prinċipji tal-Koalizzjoni ta' Helsinki.

³ Komunikat tas-Summit tal-G7 ta' Carbis Bay paragrafu 39.

6. JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jżidu l-kontribuzzjoni tagħhom għall-finanzjament internazzjonali għall-klima minn varjetà wiesgħa ta' sorsi – pubbliċi u privati, bilaterali u multilaterali, inkluż sorsi alternattivi ta' finanzjament –, strumenti u kanali, fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni sinifikanti u trasparenza dwar l-implimentazzjoni, bħala parti mill-mira tal-pajjiżi żviluppati biex kollettivament jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena sal-2025. IFAKKAR li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributur tal-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima, u mill-2013 'l hawn żiedu b'aktar mid-doppju il-kontribuzzjoni tagħhom, u ppreżentaw komunikazzjoni dettaljata u komprensiva dwar informazzjoni *ex ante* dwar il-finanzjament għall-klima f'konformità mal-Artikolu 9.5 tal-Ftehim ta' Pariġi. Konxju mir-rapport reċenti tal-OECD dwar id-data tal-finanzjament għall-klima għall-2019⁴ JAPPELLA lil pajjiżi żviluppati oħra biex iżidu wkoll il-kontribuzzjoni tagħhom għall-mira kollettiva ta' USD 100 biljun bħala kwistjoni ta' urġenza.
7. F'dan il-kuntest, JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa kontinwa li jiżdied il-finanzjament li jappoġġa l-oġettivi ta' adattament, u li jinstab bilanċ aħjar bejn l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ta' adattament, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-aktar vulnerabbli, u għall-benefiċċju tal-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli tagħhom, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw. JISSOTTOLINJA wkoll l-importanza li jiġu prijoritizzati l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali, il-mobilizzazzjoni aħjar tal-finanzjament privat permezz ta' interventi pubbliċi, it-tisħiħ tal-aċċess għall-finanzjament għall-klima kif ukoll l-iżgurar tat-trasparenza fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ regolari, u l-valutazzjoni kontinwa tal-effettività tal-fondi pprovduti.

⁴ [Climate Finance Provided and Mobilised by Developed Countries Aggregate trends updated with 2019 data.](#)

8. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv f'deliberazzjonijiet dwar mira kollettiva kwantifikata ġdida minn limitu minimu ta' USD 100 biljun fis-sena għall-perijodu ta' wara l-2025, b'kont meħud tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. JAPPELLA lill-Partijiet biex ifasslu l-mira l-ġdida b'tali mod li tiżgura li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u tagħti kontribut effettiv għall-mitigazzjoni u l-adattament. JENFASIZZA wkoll il-ħtieġa li jinsiltu tagħlimiet mill-implimentazzjoni tal-mira ta' USD 100 biljun, li tiġi vvalutata l-kontribuzzjoni li jagħmlu l-finanzjament pubbliku u dak privat mobilizzat tal-Partijiet lejn iċ-ċaqliq tal-flussi finanzjarji, li titwessa' l-firxa ta' strumenti u sorsi ta' finanzjament, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni ta' finanzjament privat.
9. IFAKKAR fir-rwol kruċjali tal-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) u Istituzzjonijiet tal-Finanzi għall-Iżvilupp (DFIs) oħra fil-kisba tal-għanijiet klimatiċi u l-impenji ta' finanzjament għall-klima inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni ta' finanzjament privat għall-klima. JILQA' l-istrategġiji stabbiliti minn għadd ta' MDBs ewlenin, inkluż, bħala minn ta' quddiem, il-Bank Ewropew tal-Investment, kif ukoll il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-Grupp tal-Bank Dinji, u minn DFIs oħra biex jallinjaw il-portafolli tagħhom mal-Ftehim ta' Pariġi u biex iżidu l-investimenti relatati mal-klima. JENFASIZZA l-importanza ta' pjanijiet li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn l-istrategġiji inkluż fir-rigward ta' self intermedjat u fost l-oħrajn billi jappoġġa pajjiżi biex jiżviluppaw u jimplimentaw Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali, Strategġiji fit-Tul u Pjanijiet ta' Adattament ambizzjużi. JAPPELLA lil dawk l-MDBs, DFIs oħra u Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni li għadhom ma għamlux dan biex jistabbilixxu dati ambizzjużi għall-adozzjoni ta' strategġiji ta' allinjament mal-Ftehim ta' Pariġi qabel il-COP26 u biex jimmobilizzaw żieda fil-finanzjament għall-klima inkluż mis-settur privat.
10. JITLOB lill-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi ħarsa ġenerali dwar il-finanzjament internazzjonali għall-klima mill-UE, inkluż mill-Bank Ewropew għall-Investment, u mill-Istati Membri tagħha għall-2020 u lill-Kunsill biex japprova dan il-kontribut qabel il-COP26 tal-UNFCCC.